MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 111/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maurizio Massimiliano**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maurizio Massimiliano u persuna ohra talli:

(1) Fit-18 ta’ Novembru 1998 ghall-habta tal-12.15 p.m. gewwa Pembroke, ikkommettew serq ta’ stereo minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAQ-302 ghad-dannu ta’ Philip Andrew Ransley, liema serq huwa aggravat bil-ksur [***recte:*** mezz] u valur u lok;

(2) Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAQ-302 ghad-dannu ta' Philip Andrew Ransley;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Marzu 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputati hatja skond l-akkuza u, wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 267, 280(2), 325(d), 31 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imsemmi Maurizio Massimiliano ghal tlettax-il xahar prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv u rrakkommandat illi l-istess Maurizio Massimiliano jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmijin Maurizio Massimiliano pprezentat fit-23 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u jigi liberat u, minghajr pregudizzju, f'kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza, taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti; (2) Minghajr pregudizzju, il-piena mhix ekwa u gusta.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. In materja ta' apprezzament ta' provi, pero`, gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li

dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** imbaghad naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, l-appellant jghid li l-ewwel Qorti tat piz lix-xiehda ta' Brian Cassar li qal li gharaf lill-appellant vicin il-vettura li minnha nsteraq stereo. Jghid li l-fatt li Brian Cassar kien gwardjan il-habs pjuttost jindika li s-suspett ta' Cassar fih

kien ibbazat fuq il-fatt li l-appellant kien ghamel xi zmien il-habs. M'hemm l-ebda prova ohra li tikkorrobora lil Cassar. Jghid li huwa minnu li l-gudikant jista' jikkonvinci ruhu fuq prova wahda, izda din trid tkun oggettivament b'sahhitha biex twassal ghall-grad ta' prova li trid il-ligi.

Din il-Qorti ezaminat il-provi mismugha mill-ewwel Qorti u hija tal-fehma li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment temmen dak li xehed Brian Cassar.

Issa, l-ewwel Qorti kellha l-vantagg li tara u tisma' x-xhieda u b'hekk taghmel il-valutazzjoni taghha skond l-artikolu 637 tal-Kap. 9. Difatti fis-sentenza taghha qalet illi mix-xiehda ta' Brian Cassar "gie pruvat bla dubju dettat mir-raguni illi z-zewg imputati gew identifikati minn dan ix-xhud illi kkonferma ghal diversi drabi illi dawn iz-zewg imputati kienu prezenti ftit metri 'l boghod mill-karozza li minnha kien twettaq is-serq".

Mill-ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi jirrizulta illi Brian Cassar kien *security* ma' l-ITS u fil-gurnata in kwistjoni dahlu zewg tfajliet li qalulu li kien hemm tnejn min-nies qed jisirqu minn karozza. Huwa hareg jigri u lemah lill-appellant u l-ko-imputat l-iehor, wiehed b'baskett u l-iehor ideffes oggett qisu stereo gol-baskett. Tant kien hemm zmien qasir bejn il-fatt li kienu raw it-tfajliet u l-fatt li ra l-imsemmi Brian Cassar li ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar li n-nies li kienu raw it-tfajliet kienu l-istess nies li ra Brian Cassar. Barra minn hekk, Brian Cassar xehed illi meta ghajtilhom, dawn harsu lejh imbaghad telqu jigru.

L-ewwel Qorti qalet ukoll illi x-xiehda li taw l-imputati "b'ebda mod ma xejnet ix-xiehda preciza ta' Brian Cassar. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, ix-xiehda ta' l-imputati mhijiex kredibbli, wisq anqas verosimili, ghaliex jekk kemm-il darba kien veru li l-imputati kienu marru mawra f'Pembroke u qeghdin ipejpu sigarett ghall-affari taghhom, certament ma kienx ikollhom ghalfejn jaharbu bil-mod li ghamlu u jippruvaw jistahbew u jaharbu lill-Pulizija, u certament ma kellhomx ghalfejn jarmu l-borza tal-plastic bl-oggett li kien gie mqieghed minn Maurizio Massimiliano."

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-ewwel aggravju ta’ l-appellant qieghed jigi michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju li jirrigwarda l-piena nflitta, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

F’dan il-kaz il-piena hija ta’ prigunerija minn hames xhur sa tliet snin mizjuda bi grad ghal seba’ xhur sa erba’ snin li ma tinghatax fil-*minimum* (artikoli 278(1)(3) u 280(2) tal-Kodici Kriminali). Jigifieri l-anqas piena applikabbli hija ta’ terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum* (artikolu 20 tal-Kodici Kriminali). F’dan il-kaz dan il-perijodu minimu huwa ta’ tlettax-il xahar u ghoxrin jum. Jigifieri l-ewwel Qorti sahansitra nizlet ftit taht il-*minimum*.

L-appellant isostni li dan kien kaz ta’ stereo li jiswa ftit liri u mhijiex konswetudini li jkun hemm sentenza ta’ prigunerija f’dawn il-kazijiet u inoltre li l-kaz ha disa’ snin biex jigi konkluz – u ghal dan hu ma kkontribwixxa xejn.

Dwar il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002 qalet hekk:

**“Issa apparti li kif gie spjegat aktar ’il fuq f’din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta’ parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: *Ir-Republika ta’ Malta vs Joseph Attard* (24.7.2000) u *Ir-Republika ta’ Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard* (24.7.2000)).**

---

[2] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza *Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi* (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

Fil-kaz odjern din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa sufficjenti li tirreferi ghall-fedina penali ta' l-appellant mnejn jidher almenu *prima facie* illi l-appellant matul il-pendenza ta' din il-kawza ma zammx lura mill-ksur tal-ligi u ma wera l-ebda impenn sabiex jirriforma ruhu, u dan nonostante okkazjoni wahda fejn tqieghed taht *probation* ghal perijodu ta' tliet snin (sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Mejju 2001). Il-kaz odjern jirreferi ghal serq li twettaq fit-18 ta' Novembru 1998. Minn dakinhar, skond il-fedina penali tieghu, l-appellant instab hati dwar reati kommessi fil-pendenza ta' dawn il-proceduri, erba' darbiet dwar serq u darb'ohra dwar tentattiv ta' serq, darba talli zamm strumenti li jaqtghu u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u darb'ohra dwar pussess ta' eroina.

Dwar il-kumment tieghu li hawn si trattava ta' stereo ta' ftit liri u li mhix konswetudini li tinghata sentenza ta' prigunerija, apparti l-fatt li mix-xiehda tad-derubata l-istereo kien jiswa madwar Lm250, ir-reat in kwistjoni huwa

wiehed pjuttost komuni u ghalhekk ma jistax jigi trattat b'mod legger. Kull min jipparkja l-karozza tieghu ghandu dritt jirritorna u jsibha ntatta u mhux sgassata u misruq. Min jinstab hati ta' dan ir-reat ghalhekk irid ihallas il-konsegwenzi ta' ghemilu.

B'hekk anke it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------